www.santamariaqrendi.com

# Operazzjonijiet ta' Titjir mill-Mitjar tal-Qrendi

## Mit-23 ta' Novembru 1942 sat-30 ta' Settembru 1943

minn Emanuel Muscat

Il-mijtar tal-Qrendi magħruf ukoll bħala ta' San Niklaw kien inawgurat fl-10 ta' Novembru 1942. (Ara artiklu fil-Programm tal-festa 1998). Fit-23 ta' Novembru 1942 waslet fih minn Ta' Qali l-iskwadra 249, din kienet meqjusa l-aħjar skwadra li kien hawn Malta u fl-10 ta' Diċembru ngħaqdet magħha l-iskwadra 229. Fil-5 ta' Jannar 1943 waslet l-iskwadra 185 minn Ħal Far u bdiet tagħmel xogħol offensiv u ta' tkixxif fotografiku fuq Sqallija. Dawn it-tliet skwadri li kienu qed jittajru mill-Qrendi, flimkien kienu jiffurmaw il-*Qrendi Wing*, kienu mgħammra b'diversi għamliet ta' Spitfires Vb, Vc u IX. L-iskwadra 272 li kienet mgħammra bil-Beaufighters kellha tagħmel użu mill-mitjar tal-Qrendi għal ftit jiem matul Diċembru 1942 minħabba xi tiswijiet urġenti li kellhom isiru fil-mitjar f'Ta' Qali. Matul dan ix-xahar l-Ispitfire ta' 249 kienu eskortaw l-beautfighters tal-iskwadra 272 kif ukoll xi drabi attakkaw il-mitjar ta' Lampedusa.



L-armar tal-mitjar tal-Qrendi bil-motto: Ad Repugnandun Renatus – Reborn to Hit back

Wara l-waqgħa ta' Tuneż u l-gwerra mill-Afrika ta' Fuq kienet spiċċat, l-Alleati bdew jippreparaw għall-invażjoni ta' Sqallija, *Operation Husky*. Barra truppi bdew jaslu ħafna skwadri ta' ajruplani ta' kull tip Ħal Far, Ta' Qali u Ħal Luqa kienu mimlijin b'ħidma kontinwa lejl u nhar. F'Jannar 1943 l-iskwadri tal-Qrendi raw kampanji ta' offensiva u ta' tkixxif fuq Sqallija. Kienu jagħmlu attakki fuq postazzjonijiet Sqallin bħal dak ta' Gela, Gerbini u Comiso kif ukoll xogħol ta' skorta mal-*bombers*. Fis-7 ta' Frar 1943, Spitfires mill-Qrendi attakkaw tren u wara waqqgħu Junker 52 li kien ajruplan tat-trasport Ġermaniżi. Fit-22 ta' April 1943 Spitfire tal-Qrendi mill-iskwadra 249 waqqgħu erba' Junkers 52 u Spitfires mill-iskwadri 229 u 249 wettqu attakk fuq bażi ta' ajruplani tal-baħar f'Sirakuża. Din kienet meqjusa bħala l-aktar missjoni ta' suċċess mill-mijtar tal-Qrendi, tant li kien hemm tifħir mill-Kmandant tal-Ajru f'Malta, *Air Vice Marshall* Keith Park.

Fit-28 ta' April 1943 il-mitjar tal-Qrendi kien ġie onorat bit-twaqqigħ tal-elf ajruplan tal-għadu li twaqqa' minn ajruplan ibbażat Malta li kien Junker 52 imwaqqa' minn Squadron Leader John Lynch tal-iskwadra 249. L-attakki fuq Sqallija baqgħu jsiru mill-Ispitfires tal-Qrendi matul Mejju u Ġunju b'suċċess. Xi spitfires kien twaħħielhom apparat taħt il-ġwienaħ u li kien inħadem fit-tarzna, biex ikunu jistgħu jġorru żewġ bombi ta' 250 libra l-waħda. Din l-invenzjoni ntużat għall-ewwel darba fit-22 ta' Settembru 1942. Fl-10 ta' Mejju 1943 *Squadron Leader* John Lynch flimkien ma' *Flying Officer* H. C. Holmes waqqgħu tliet ajruplani tal-baħar Cant 506 Taljani u Junker 52. Tlett ijiem wara Spitfires ta' 229 u 249 skurtaw *bombers* Amerikani B-24 Liberators fi triqithom biex iwettqu ħbit fuq Sqallija. Din ma kinitx l-uniku darba li Spitfires tal-Qrendi eskortaw *bombers* Amerikani fi triqithom lejn Sqallija.



F'dan ir-ritratt meħud fil-mitjar tal-Qrendi fit-28 ta' April 1943, jidher Sqd Ldr John Lynch tal-iskwadra 249, pilota Amerikan mal-RAF, iħares lejn sieħbu waqt li dan tal-aħħar qiegħed jimmarka bil-ġibs l-elf ajruplan li twaqqa' minn ajruplan ibbażat Malta

Din il-ħidma kompliet mingħajr interruzzjoni sa wara l-invażjoni ta' Sqallija. Fl-20 ta' Awwissu 1943, erba' Spitfires tal-iskwadra 185 taħt it-tmexxija ta' *Squadron Leader* Mac Dougall niżlu għall-ewwel darba fi Sqallija fejn ħadu l-*fuel*. Siegħa wara li reġgħu taru fi triqithom lejn Capri rnexxielhom iwaqqgħu ajruplan Taljan Cant 506. Fis-27 ta' Awwissu Spitfire mill-Qrendi tal-iskwadra 249 waqqa' Junker 88 li kien fuq ħidma ta' tkixxif madwar 20 mil bogħod minn Kalafrana.

Billi issa Sqallija kienet okkupata mill-Alleati, u ħafna mill-iskwadri kienu telqu minn Malta lejn bażijiet ġodda fi Sqallija, l-iskwadri tal-Qrendi bdew jaħsbu biex jitilqu wkoll. L-ewwel ma telqet għal Ħal Far kienet l-iskwadra 249 bejn l-24/25 ta' Settembru 1943 warajha għal Ħal Far ukoll marret l-iskwadra 229, qabel dawn marru l-Italja, l-Iskwadra 185 kienet l-aħħar li telqet lejn Ħal Far u aktar tard lejn l-Italja. L-aħħar Spitfire tal-iskwadra 185 li ttajjar mill-mitjar tal-Qrendi kien fit-30 ta' Settembru 1943 u b'hekk ġie fi tmiem l-operazzjoni ta' titjir minn dan il-mitjar. It-telf ta' piloti waqt li tliet skwadri kienu l-Qrendi kien jammonta għal total ta' 31, l-skwadra 249 tilfet 6 piloti, l-iskwadra 229 13-il pilota, u l-iskwadra 185 12-il pilota. Għalkemm ma tantx hu msemmi, il-mitjar tal-Qrendi kellu sehem kbir matul l-għaxar xhur li dam jopera.

Referenzi

Spitfires Over Sicily – Brain Cull